# Gidma ta' Brama

Il-brama li naraw ħdejn il-gżejjer Maltin jisimha *Pelagia noctiluca*. Tikber sa dijametru ta' 12-il ċentimetru. Għandha swaba (tentacles) twal bejn 10 u 30 ċentimetru, miksija b'ċelloli li jniggżu (nematocytes). Meta jmissu mal-ġilda, dawn iċ-ċelloli jitfgħu valenu li jikkawża ħmura, nefħa u uġigħ.



**X'għandek tagħmel**

1. Laħlaħ il-ġerħa bl-ilma baħar. Tużax ilma ħelu, u tħokkx il-ġilda biex ma żżidx l-infjammazzjoni.
2. Applika ħall abjad b'facecloth fuq il-ġerħa għal 15-il minuta.
3. Jekk ikunu jidhru xi biċċiet, neħħihom b'pinzetta.
4. Applika sapun tal-leħja jew baking power fuq il-ġerħa għal ftit minuti, u qaxxar il-ġilda permezz ta' card (e.ż. karta ta' l-identitá).
5. Għall-uġigħ applika xi ħaġa kiesħa għal ftit minuti jew ħu paracetamol.
6. Jekk ikun hemm ħafna nefħa u ħmura, tista' tidlek 1% hydrocortisone cream tlett darbiet kuljum għal ftit ġranet.

© Dr Joseph Mizzi MD MRCP MRCPCH, 2009.